**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 3**

**L-Erbgħa, 3 ta' Mejju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4:49 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 2 li saret fis-7 ta' Frar 2023, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

| | |
|---|---|
| Dok. 06 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat u d-*draft replies* proposti |
| Dok. 07 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat fejn għadha ma bdiext id-diskussjoni |

Petizzjoni Nru 1 – Avviż Legali biex jiċċara l-istatus legali tal-Cannabidiol (CBD) msemmi fl-Att tal-LXVI tal-2021; Kien hemm qbil sabiex is-Segretarju jikteb lill-Ministri konċernati sabiex jikkjarifikaw il-punt imqajjem mill-Onor. Castillo fuq iż-0.2% ta' THC u liema prodotti huma legali u liema huma illegali.

Petizzjoni Nru 4 – Inġustizzja ma' pazjenti psikjatriċi; Il-Kumitat għadu qiegħed jistenna risposta mingħand is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u għandha tintbagħat reminder biex ikun jista' jagħti r-rimarki tiegħu.

Petizzjoni Nru 5 – Reviżjoni tat-termini għal Dog Friendly Beaches; Kien hemm qbil sabiex is-Segretarju jikteb lill-Ministru konċernat ħalli jiġi kkjarifikat jekk il-pets jistgħux jinżlu jgħumu f'bajjiet li huma ffurmati mill-blat u mhux mir-ramel għax jidher li s'issa m'hemmx restrizzjonijiet fuq dan.

Petizzjoni Nru 6 – Reviżjoni tal-25% absence allowance taħt l-Iskema ta' Childcare b'xejn; Il-Kumitat għadu qiegħed jistenna risposta mingħand il-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol. Kien hemm qbil biex terġa' tintbagħat reminder għal risposta fuq din il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 7 – Tneħħija tal-Bandiera Russa li hemm fiċ-Ċentru tal-Belt Valletta; Il-Kumitat għadu qiegħed jistenna risposta mingħand il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Kien hemm qbil biex terġa' tintbagħat reminder għal risposta fuq din il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 8 – Distruzzjoni ta' Kemmuna; Kien hemm qbil sabiex il-Kumitat jistaqsi għal aktar informazzjoni fuq din il-petizzjoni lis-Segretarji Permanenti responsabbli mill-ambjent kif ukoll mill-ippjanar.

Petizzjoni Nru 9 –To establish proper rules and regulations on P.C application for reasonable closure; Kien hemm qbil sabiex il-Kumitat jistaqsi lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar għal aktar informazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-Gvern fuq kif bħalissa l-P.C. applications qed jingħalqu u b'hekk il-Kumitat ikun jista' jifhem aħjar din il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 10 - Government Land – Site at Tal-Qortin, between Triq is-Sagħtar and Triq il-Miġbha Mellieħa; Kien hemm qbil li l-Kumitat jikteb lill-Ministeru tal-Ambjent ħalli jagħtu raġuni għalfejn din it-talba ma ġietx ikkonsidrata u jekk din l-art taqax taħt il-Project Green Policy, u lill-Ministeru tal-Kunsilli Lokali biex naraw jekk kienx ikkonsidrat li din l-art tidħol f'din l-iskema.

Petizzjoni 11 sa Petizzjoni 17 għadhom m'għalqux u għalhekk għandhom jitilgħu fl-aġenda li jmiss.

Petizzjoni MP-2 – Onor. Jerome Caruana Cilia – Ħal Qormi – Triq il-Barrakki; Il-Kumitat qabel li din it-talba titressaq lill-Awtorità konċernata ħalli jikkonsidraw din it-talba u forsi jagħtu risposta sal-laqgħa li jmiss.

Fit-5:22 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**